MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 12/2022 LM

**Kimberly Bugeja (K.I. 213499M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tal-20 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Kimberly Bugeja (K.I. 213499M)** [hawnhekk 'l-appellata'] fir-rigward tat-talba għal rifużjoni li saret mill-intimat fis-17 ta' Diċembru, 2020,

u l-Arbitru ordna wkoll it-tħassir ta' tali ordni, laqa' l-appell fir-rigward tat-talba għal rifużjoni datata t-18 ta' Diċembru, 2020, għall-istess raġunijiet, iżda ċaħad l-appell tar-rikorrenti fir-rigward tad-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 2020, wara li qies li d-Dipartiment kien korrett meta waqqaf l-għajnuna in mertu f'dak il-perijodu.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet u għadha intitolata li tirċievi *allowance* tat-tfal, u kienet intitolata wkoll għal suppliment għall-*allowance* tat-tfal. Ir-rikorrenti kienet tgħix fil-fond 'Alpha', Blokk K, Appartament 5, Triq Sant'Elija, il-Fgura. Jirriżulta li fit-23 ta' Novembru, 2020, saret spezzjoni fl-imsemmi fond mill-ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali wara li saru rapporti li r-rikorrenti ma kinitx qegħda tgħix f'dan il-fond. L-ispetturi li għamlu din l-ispezzjoni ikkonkludew li r-rikorrenti ma tabitax f'dan il-fond, u għalhekk irrakkomandaw li jittieħdu l-azzjonijiet opportuni sabiex l-intitolamenti tal-Għajnuna Soċjali u tal-Benefiċċju għall-Enerġija li tirċievi r-rikorrenti jiġu sospiżi, u sabiex jinġabar lura kull pagament li ħareġ wara t-23 ta' Novembru, 2020.

3. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrenti fil-15 ta' Diċembru, 2020, hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha għal għajnuna soċjali ġiet mistħarrġa, u li ġie deċiż li hija m'għadhiex intitolata għal dik l-għajnuna, minħabba li l- intimat mhuwiex sodisfatt li r-rikorrenti qegħda tifforma familja għal rasha, jew li qegħda tabita fl-indirizz mogħti minnha. Permezz ta' ittra oħra mibgħuta lir-rikorrenti fis-17 ta' Diċembru, 2020, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li hija tħallset żejjed l-ammont ta' €537.24 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn it-28 ta'

Novembru, 2020 u t-8 ta’ Jannar, 2021, wara li d-Dipartiment stabbilixxa li hija mhijiex tifforma familja għal rasha. F’ittra oħra mibgħuta lir-rikorrenti fit-18 ta’ Diċembru, 2020, ir-rikorrenti ġiet infurmata li hija tħallset żejjed l-ammont ta’ €555.12 f’*allowance* tat-tfal għall-perijodu bejn it-28 ta’ Novembru, 2020 u t-2 t’April, 2021, u li għalhekk hija kienet ser tibda tirċievi *allowance* b’rata mnaqqsa ta’ €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild, sakemm hija tirregolarizza ruħha billi tinforma lid-Dipartiment dwar fejn u ma’ min kienet qegħda toqgħod fil-preżent.

**<u>Mertu</u>**

4. Ir-rikorrenti kkontestat din id-deċiżjoni, fejn spjegat li dakinhar li saret l-ispezzjoni fid-dar tagħha, hija kienet ħarġet mid-dar kmieni għaliex kellha tagħmel xi qadi. Qalet li huwa minnu li hija qegħda f’relazzjoni, iżda qalet li hija ma tgħix mas-sieħeb tagħha.

5. L-intimat wieġeb li l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi r-rikorrenti twaqqfet wara li d-Dipartiment irċieva rapport mingħand id-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet, minn fejn irriżulta li l-intimat ma kienx sodisfatt li r-rikorrenti kienet qegħda tifforma familja għal rasha u/jew li kienet qegħda tgħix fl-indirizz mogħti minnha. L-intimat spjega li wara li saret spezzjoni fl-indirizz mogħti mir-rikorrenti, fil-fond ma nstabu l-ebda ħwejjeġ li jappartjenu lilha jew liż-żewġ uliedha, u kien għalhekk li l-intimat ma setax ikun sodisfatt li r-rikorenti qegħda tabita fl-indirizz indikat minnha, jew li ċ-ċirkostanzi attwali tagħha għadhom l-istess bħal meta hija għamlet l-applikazzjoni biex tingħata l-*allowance* tat-tfal. Ġie spjegat li kien għalhekk li l-

intitolament tar-rikorrenti ġie rivedut, u wara li saret din ir-reviżjoni ġie stabbilit li r-rikorrenti tħallset żejjed is-somma ta' €555.12 bħala *allowance* tat-tfal u s-somma ta' €10 bħala suppliment tal-*allowance* tat-tfal għall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 2020 u t-2 t'April, 2021.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Lulju, 2022, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"Dan l-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datat 18 ta' Diċembru, 2020 fejn id-Direttur iddikjara illi l-appellanti kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €555.12 bħala allowance għat-tfal għall-perijodu ta' bejn 28.11.20 u 02.04.21, kif ukoll permezz ta' deċiżjoni datata 15 ta' Diċembru, 2020 illi l-appellanti ma kinitx intitolata għal għajnuna soċjali għaliex ma kienx sodisfatt illi l-appellanti kienet qed tifforma familja għal rasha.*
>
> *Id-Direttur saħaq illi l-appell għandu jiġi miċħud billi wara spezzjoni relattiva ġie nnutat illi l-appellanti ma kinitx qed tifforma familja għal rasha.*
>
> ***Ikkunsidra***
>
> *L-Appell huwa fuq żewġ binarji: wieħed rigward talba għal rifużjoni u t-tieni fir-rigward ta' telf ta' dritt għal allowance.*
>
> *Dwar l-ewwel binarju l-Arbitru jinnota illi l-ittra relattiva għal talba għal ħlas lura hija datata 18 ta' Diċembru, 2020. It-talba fl-ittra hija għal ħlas lura ta' ammont fuq perijodu ta' bejn 28.11.20 u 02.04.21. Billi sa tratta ta' perijodu lil hinn mid-data tal-ittra huwa impossibbli legalment li din id-deċiżjoni tad-Direttur tiġi aċċettata. Għaldaqstant it-talba għal rifużjoni ma tistax ħlief tiġi miċħuda u l-appell fuq dan il-binarju jiġi aċċettat.*
>
> *Fir-rapport preżentat mid-Dipartiment ġie spjegat illi l-investigazzjoni kienet frott ta' spezzjoni li saret fl-indirizz 28, Paulman, Triq Arkibuzier, Żejtun.*
>
> *Ir-rapport jgħid:*

- *F'żjara li seħħet fit-23 ta' Novembru, 2020 fil-fond kien hemm Jacqueline Bugeja omm l-appellanti. Bintha ma kinitx hemm. Qaltilhom li Kimberly raqdet għand ommha Catherine Spiteri billi t-tifel kien ma jiflaħx.*
- *Dwar min jgħix f'din id-dar Jacqueline Bugeja qaltilhom li jgħixu hemm hi, Kimberly u t-tfal tagħha Shailey Mifsud Bugeja, Shayzon Cilia Bugeja u Shaylon Cilia Bugeja – ilkoll minuri.*
- *Saret spezzjoni tal-appartament li kien ta' tliet kmamar tas-sodda, kamra tal-banju ensuite, kċina u salott. Saret eżami tal-fond u ntalbu l-ħwejjeġ ta' Kimberly u t-tfal tagħha. Meta l-ispetturi indikaw li ma tantx kien hemm ħwejjeġ hija qalet "Kimberly ħadet kollox magħha".*
- *Saret dak il-ħin stess telefonata fuq il-mobile ta' Kimberly 77083490 u rrispondiet vuċi maskili. Wara tkellmu ma' Kimberly.*
- *Meta tkellmu magħha kkonfermat li l-indirizz permanenti tagħha huwa Alpha, Blokk K, Flat 5, Triq Sant'Elija, Fgura, skont hi din kienet "id-dar". Meta ġiet mgħarrfa illi kienet saret allegazzjoni li hi, Kimberly, mhux qiegħda tgħix fl-indirizz iddikjarat iż-Żejtun hi rrispondiet li mhux dejjem tkun id-dar u li ġieli toqgħod għand is-sieħeb tagħha.*

*L-appellanti quddiem l-Arbitru spjegat li issa kienet qalbet l-indirizz għal Żejtun. Spjegat li wara li kien miet missierha xi erba' snin ilu ommha ħadet triq tali li ma setgħetx tibqa' tgħix hemm. Għalhekk ġieli raqdet għand in-nanna. Spjegat li s-sitwazzjoni bejn ommha u hi ma tantx kienet feliċi. Mindu miet missierha qatt ma kellha post stabbli fejn toqgħod.*

***Konklużjonijiet***

*Jirriżulta biċ-ċar kemm mir-rapport kif ukoll minn dak spjegat mill-appellanti illi effettivament fid-data indikata l-appellanti kienet bidlet l-indirizz. Illum jidher li din l-informazzjoni ta' tibdil ta' indirizz huwa sewwa f'idejn id-Dipartiment.*

*Għaldaqstant dan l-appell:*

*i. Qed jiġi milqugħ fir-rigward ta' talba għal rifużjoni datata 17 ta' Diċembru, 2020 għar-raġunijiet fuq esposti u l-Arbitru jordna t-tħassir ta' tali ordni;*
*ii. Qed jiġi milqugħ fir-rigward ta' talba għal rifużjoni datata 18 ta' Diċembru, 2020 għall-istess raġunijiet fuq esposti;*
*ii. Qed jiġi miċħud fir-rigward tad-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 2020 billi d-Dipartiment kien korrett li waqqaf l-għajnuna in mertu f'dak il-perijodu."*

**L-Appell**

7. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-13 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-20 ta' Lulju, 2022 fejn ġie miċħud l-appell tal-appellata in kwantu għad-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 2020, iżda talab għat-tħassir u r-revoka tal-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn l-appell tal-appellata ġie milqugħ fir-rigward tad-deċiżjonijiet tas-17 u t-18 ta' Diċembru, 2020, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tas-17 u tat-18 ta' Diċembru, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

8. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu dan wasal għal konklużjoni żbaljata, meta ddikjara li ebda ħlas m'huwa dovut mill-appellata, u dan peress li l-perijodu indikat fl-ittra huwa "lil hinn mid-data tal-ittra", u għalhekk wasal għall-konklużjoni li huwa legalment infondat li d-Dipartiment jippretendi ħlas għal dan il-perijodu. L-appellant qal li r-raġunament tal-Arbitru huwa li ladarba l-ittra għall-ħlas mibgħuta lill-appellata fit-18 ta' Diċembru, 2020, tkopri l-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 2020 u t-2 t'April, 2021, id-Dipartiment ma jistax jippretendi rifużjoni ta' dan l-ammont. L-appellant qal li dan l-argument huwa infondat għaliex ma jieħux konsiderazzjoni tal-mod kif jitħallsu l-benefiċċji soċjali u tal-kronoloġija tal-każ. Spjega li f'dan il-każ saret spezzjoni fit-23 ta' Novembru, 2020, u r-rapport ġie redatt proprju jumejn wara. Il-benefiċċji soċjali in kwistjoni tħallsu fit-28 ta' Novembru, 2020. Qal li huwa paċifiku li l-benefiċċji soċjali jitħallsu bil-quddiem, u għalhekk permezz ta' dan il-pagament l-appellata tħallset għal tmintax-il ġimgħa (erba' xhur) bil-quddiem. Qal li fil-frattemp, id-Dipartiment kien qiegħed

jistħarreġ ir-rapport li kien ġie ppreparat mill-Ispetturi, u kien abbażi ta' dan ir-rapport li ttieħdet id-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 2020. Żied jgħid li d-Dipartiment laqa' d-deċiżjoni tal-Ispetturi li jiġbor lura l-pagamenti li saru wara d-data tal-ispezzjoni, u għalhekk anki li kieku ma saritx ir-rakkomandazzjoni li dawn il-ħlasijiet jinġabru lura, ladarba l-appellata ma kinitx intitolata għal dawn il-benefiċċji, id-Dipartiment għandu mhux biss id-dritt iżda wkoll id-dmir li jiġbor lura flus li l-appellata ma kinitx intitolata għalihom. L-appellant qal li fl-ebda waqt ma ġie kkontestat l-ammont li tħallas lill-appellata, jew li hemm bżonn ta' reviżjoni jew konferma tal-ammont imħallas lilha mid-Dipartiment. Qal li huwa jinsab perpless bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex filwaqt li l-Arbitru qabel li għandu jwaqqaf l-għajnuna għal dak il-perijodu, tant li indirizza din il-ħtieġa fid-deċiżjoni tiegħu, iddeċieda li l-appellata m'għandha trodd xejn lura lid-Dipartiment. L-appellant qal li kieku l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Dipartiment li jwaqqaf il-benefiċċji kienet waħda żbaljata, kien loġikament isegwi li l-ebda rifużjoni m'hija dovuta, imma f'dan il-każ ma sarx hekk, u l-Arbitru kien sodisfatt li d-deċiżjoni tal-appellant li l-appellanta ma kinitx għadha intitolata għall-benefiċċji li kienet qegħda tirċievi, kienet waħda ġusta. L-appellant saħaq li meta wieħed iqis dan kollu, il-konklużjoni tal-Arbitru li d-Dipartiment ma setax jitlob ir-rifużjoni ta' flus imħallsa bil-quddiem, hija waħda kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk dan l-appell għandu jiġi milqugħ.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

9. L-appellata fir-risposta tagħha tgħid li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Arbitru fl-intier tagħha għaliex dakinhar li ttieħdet id-deċiżjoni, hija kienet

għadha tikkonsidra d-dar ta' ommha bħala r-residenza ordinarja tagħha. Qalet li minħabba l-mod kif żviluppaw l-affarijiet, u l-fatt li hija kellha tfal oħra mas-sieħeb tagħha, u llum tgħix miegħu, hija mhijiex sejra tikkontesta l-partijiet tad-deċiżjoni li ma taqbilx magħhom, u d-deċiżjoni mogħtija għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha. L-appellata qalet li mill-atti jirriżulta li saret spezzjoni fir-residenza ta' ommha fit-23 ta' Novembru, 2020, u r-rapport dwar din l-ispezzjoni ġie redatt fil-25 ta' Novembru, 2020. Il-ħlas tal-benefiċċji soċjali sar fit-28 ta' Novembru, 2020, u d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ddeċieda li, abbażi ta' dak ir-rapport, hija ma kellhiex tibqa' meqjusa li hija intitolata għall-benefiċċji soċjali. Hija appellat minn dik id-deċiżjoni, u fir-risposta tiegħu d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali speċifikament qal li l-appellata kellha tibqa' titqies bħala benefiċjarja sat-8 ta' Jannar, 2021. L-appellata qalet li għalhekk huwa ċar li dakinhar li sar il-pagament mid-Dipartiment, hija kienet għadha kkunsidrata bħala benefiċjarja ta' dan il-pagament, u għalhekk l-appell sabiex hija tirrifondi ammont li hija legalment u fattwalment intitolata għalih, huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. L-appellata qalet li ladarba l-appellant stess ikkonċeda li hija kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sat-8 ta' Jannar, 2021, huwa inkonċepibbli kif dan issa qiegħed jitlob rifużjoni tal-benefiċċji li rċeviet għall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 2020 u t-8 ta' Jannar, 2021, u l-appellant imkien ma jispjega għal liema raġuni hija qegħda tintalab tirrifondi ammont li hija tħallset meta kienet għadha meqjusa bħala benefiċjarja, u semmai hija kellha tintalab tirrifondi flus relattivi għal meta hija ma baqgħetx ikkunsidrata bħala benefiċjarja, jiġifieri bejn id-9 ta' Jannar, 2021 u t-2 ta' April, 2021.

10. L-appellata qalet li filwaqt li l-appellant ħa d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-artikolu 105 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jispeċifika li d-deċiżjoni tittieħed wara li d-Direttur Ġenerali jkun għamel l-investigazzjonijiet neċessarji, id-Direttur Ġenerali m'għandux is-setgħa li japplika d-deċiżjoni tiegħu b'mod retroattiv. Qalet li għalhekk l-Arbitru kien korrett meta ddeċieda li f'dan il-każ m'għandux ikun hemm rifużjoni. Qalet li l-aħħar pagament tat-28 ta' Novembru, 2020 sar sbatax-il ġurnata qabel ma d-Direttur Ġenerali ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf l-għajnuna finanzjarja li hija kienet qegħda tirċievi, u għalhekk fil-ġurnata li fiha sar il-ħlas ma kienx għad hemm id-deċiżjoni li hija ma kinitx intitolata għal tali benefiċċji. Qalet li f'każ li jintlaqa' dan l-appell, id-Direttur Ġenerali ikun qiegħed jitħalla japplika d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod retroattiv, u dan il-poter mhux mogħti bl-artikolu 105 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Arbitru, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha. L-appell tal-appellant huwa bbażat fuq il-fatt li l-Arbitru ddeċieda li l-appellata m'għandhiex tibqa' meqjusa eliġibbli biex tirċievi l-Għajnuna Soċjali, iżda li din m'għandhiex tirrifondi l-flus li tħallsu lilha permezz tal-pagament li sar fit-28 ta' Novembru, 2020. L-appellant qal li fattwalment l-Arbitru ma kienx korrett, għaliex il-ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali dejjem isiru bil-quddiem u għalhekk il-ħlas li sar lill-appellata fit-28 ta' Novembru, 2020, kien ikopri tmintax-il ġimgħa

bil-quddiem, u għalhekk kellu jkopri l-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 2020 u t-2 t'April, 2021. L-appellant żied jgħid li ladarba l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni meħuda minnu fl-15 ta' Diċembru, 2020 hija korretta, u li l-appellata m'għandhiex tibqa' meqjusa bħala persuna eliġibbli għall-benefiċċji soċjali li kienet qegħda tirċievi, għandu jsegwi li din għandha tiġi ordnata tirrifondi lura l-flus li tħallsu lilha indebitament.

12. Il-Qorti tqis li minkejja dak eċċepit mill-appellata fir-risposta tagħha, fil-fatt l-appellant talab għar-rifjużjoni tal-Għajnuna Soċjali li tħallset lill-appellata għall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 2020 u t-8 ta' Jannar, 2021, u dan wara li rriżulta li l-appellata kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sat-8 ta' Jannar, 2021. Fil-fatt m'hemm l-ebda ammissjoni da parti tal-appellant, li l-appellata kellha tiġi kkonsidrata bħala persuna eliġibbli għal din l-għajnuna sat-8 ta' Jannar, 2021, iżda li jgħid l-appellant huwa biss li hija kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sa din id-data. Fil-fatt l-appellata qegħda tintalab tirrifondi dan l-ammont ukoll. L-ittra tal-Arbitru tas-17 ta' Diċembru, 2020, tolqot proprju l-ħlas żejjed ta' Għajnuna Soċjali li rċeviet l-appellata, filwaqt li l-ittra tat-18 ta' Diċembru, 2020 tolqot il-ħlas ta' *allowance* għat-tfal li sar żejjed.

13. Il-Qorti tqis li ladarba ġie stabbilit u hemm l-akkwiexxenza da parti tal-appellata li ċ-ċirkostanzi personali tagħha huma tali li hija m'għandhiex titqies li hija eliġibbli għall-għajnuna soċjali li kienet qiegħda tirċievi, għandu raġun l-appellant fl-aggravju mressaq minnu li hija għandha tirrifondi lura l-ammonti kollha li rċeviet meta ma kinitx intitolata għalihom. Għaldaqstant tqis li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tilqgħu, u tikkonferma t-talbiet li saru mill-appellant fl-ittri mibgħuta minnu lill-appellata fis-17 ta' Diċembru, 2020 u fit-18 ta' Diċembru, 2020.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**